MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2879/2002

***Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Octavian at Lloyd's***

***vs***

***Dr. Joseph Bonello***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rappresentanti l-*excess payment* dovut mill-konvenut abbazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni tieghu u ta' *claim* minnu maghmul, li ggib in-numru OCT 738 rigwardanti incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Jannar 2000, bejn il-vettura proprjeta' tal-konvenut li ggib in-numru ta' registrazzjoni DAH 156 u l-vettura proprjeta' ta' Raymond Scerri li ggib in-numru ta' registrazzjoni HMY 150 u li in konnessjoni mieghu s-

socjeta’ attrici effettwat hlasijiet lil terzi involuti fl-istess incident.

Bl-ispejjez, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Anthony Savona in rappresentanza tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------